

Kategoriji: Benessere u Appoġġ

# Il-promozzjoni tal-benesseri tal-istudenti

SCIREARLY

Sett ta' għodod edukattivi

## Prattiċi ta' tagħlim b'suċċess biex it-tfal kollha jirnexxu

SCIREARLY

**Politika u prattiċi bbażati fuq riċerka xjentifika biex jitnaqqas in-numru ta' studenti fl-Ewropa b'nuqqas ta' ħiliet u t-tluq bikri mill-iskola.**

Red Barnet, MHPSS Collaborative





# Rikonoxximent

**L-awturi** ta' dan id-dokument u l-imsieħba ta' dan il-proġett huma:
l-Università ta' Deusto, Spanja (Koordinatur tal-proġett)
KMOP – Ċentru għall-familja u l-kura tat-tfal, il-Greċja
Ministeru tal-Edukazzjoni, Xjenza u l-Innovazzjoni, il-Portugal
CESIE, l-Italja
l-Università ta' Dublin City, l-Irlanda
Red Barnet , Kollaborattiva ma' MHPSS Collaborative, id-Danimarka
l-Università ta' Porto, il-Portugal
l-Università ta' Malta, Malta
L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Ġenituri, il-Belġju
L-Università ta' Ħelsinki, il-Finlandja
L-Università ta' Newcastle Upon Tyne, ir-Renju Unit

© Copyright 2024

Dan ix-xogħol huwa liċenzjat taħt il-"Creative Commons Attribution 4.0 International License (CC BY-NC-SA 4.0).

Data tal pubblikazzjoni: 2024

Immaġini użati taħt il-liċenzja ta' Shutterstock.com

Dan il-proġett irċieva finanzjarjament mill-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni Horizon tal-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta' Għotja Nru 101061288. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal- Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka. La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.

# Kategoriji: Benessere u Appoġġ



# Introduzzjoni

Dan is-sett ta' għodod, "Prattiċi ta' Tagħlim b'suċċess biex it-Tfal kollha jirnexxu," huwa riżorsa prattika li turi kif jistgħu jinħolqu ambjenti ta' tagħlim ta' suċċess fil-klassijiet, skejjel, u komunitajiet. Dan jgħin lill-għalliema u l-Kapijiet tal-iskejjel jibnu spazji ta' tagħlim effettiv li jappoġġjaw studenti u jwasslu biex l-istudenti li qed ibatu biex jitgħallmu, itejbu l-ħiliet bażiċi tagħhom, u jiżviluppaw il-ħiliet soċjali u emozzjonali tat-tfal. Dan is-sett ta' għodda huwa bbażat fuq għoxrin każ ta' studju minn disa' pajjiżi Ewropej, li joffri strateġiji prattiċi li ħadmu fi skejjel fil-prattika.

Dawn il-każijiet ta' studju ġejjin minn Skejjel Primarji u Sekondarji madwar l-Ewropa li għenu b'suċċess studenti li ma kellhomx suċċess u ipprevena t-tluq bikri mill-iskola. Ir-riċerka saret fi skejjel differenti madwar il-Portugal, l-Irlanda, il-Finlandja, id-Danimarka, Spanja, il-Greċja, l-Italja, ir-Renju Unit, u Malta. Minn dawn l-iskejjel, ġbarna prattiċi konkreti li jtejbu kemm it-tagħlim akkademiku kif ukoll l-iżvilupp soċjo-emozzjonali.

Is-sett ta' għodda huwa organizzat madwar ħames oqsma ewlenin ta' ambjenti ta' tagħlim li huma ta' suċċess:

- Pedagoġiji
- Interazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti
- Kollaborazzjoni bejn il-ħbieb
- Kollaborazzjoni bejn l-iSkola, il-Familja u l-Komunità
- Saħħa fiżika, mentali u benesseri soċjali u Appoġġ

Filwaqt li kull għodda hija klassifikata f'wieħed minn dawn l-oqsma, ħafna mill-għodod jaħdmu f'oqsma differenti. Pereżempju, il-"Gruppi Interattivi" mhux biss jgħinu lill-istudenti jaħdmu flimkien, iżda wkoll biex jingħaqdu mal-komunità, jappoġġja l-benesseri tagħhom, kif ukoll itejjeb ir-riżultati akkademiċi tagħhom.

Huwa importanti li wieħed jifhem li l-iskejjel l-aktar ta' suċċess jużaw ħafna għodda flimkien. Filwaqt li kull għodda tista' tgħin meta użata waħedha, l-aħjar riżultati jinkisbu minn ħidma fil-ħames oqsma fl-aspetti tal-iskola kollha. Nirrakomandawlkom li tħarsu lejn l-affarijiet tajbin attwali tal-iskola tiegħek u l-oqsma fejn hemm bżonn ta' titjib biex jgħinkom tagħżlu l-aktar għodod utli għas-sitwazzjoni tal-iskola tagħkom.

Dan is-sett ta' għodda huwa disponibbli fuq pjattaforma onlajn f'sebà lingwi: Spanjol, Portugiż, Ingliż, Finlandiż, Malti, Grieg u Taljan. L-għodda kollha ġew ippruvati u żviluppati bir-reqqa permezz ta' ko-kreazzjoni dijaloġiku ma' kważi elf parteċipant fil-proġett SCIREARLY, inkluż edukaturi fl-iskejjel, studenti, familji, u membri tal-komunità.

L-għan tagħna huwa li nagħtu lill-edukaturi u lill-komunitajiet l-għodda li għandhom bżonn biex jgħinu lil kull tifel u tifla jirnexxu fl-iskola. Qegħdin naqsmu dawn il-prattiċi ta' suċċess minn ambjenti ta' tagħlim differenti b'mod aċċessibbli, qed naħdmu biex noħolqu skejjel fejn it-tfal kollha jkunu jistgħu jirnexxu, irrispettivament mill-isfond tagħhom.



# Glossarju

It-taqsima tal-glossarju hija essenzjali f'dan is-sett ta' għodod għax tipprovdi definizzjonijiet ċari ta' termini u kunċetti ewlenin li tiżgura li dawk kollha li jużawha, inklużi l-għalliema, il-kapijiet tal-iskejjel, l-esperti tal-edukazzjoni, dawk li jfasslu l-politika, u l-membri tal-komunità, jistgħu jifhmu bis-sħiħ u jimplimentaw b'mod effettiv il-prattiċi ta' tagħlim b'suċċess.

Din it-taqsima tgħin biex tnaqqas kwalunkwe nuqqas ta' ftehim fit-terminoloġija użati u tassigura ftehim konsistenti li tagħmilha aktar faċli li jiġu applikati sew dawn l-istrateġiji bbażati fuq l-evidenza u hekk iwasslu għal titjieb fir-riżultati edukattivi tal-istudenti.

## Tagħlim Dijaloġiku

It-tagħlim Dijaloġiku jenfasizza djalogu u interazzjonijiet ta' kwatlta' bħala l-mezz primarju biex jintlaħaq ftehim, tagħlim u żvilupp. L'għan tat-tagħlim u l-fehem dijaloġiku huwa li jinħoloq ambjent fejn l-istudenti, l-għalliema u l-membri l-oħra kollha tal-komunità jimpenjaw ruħhom b'mod attiv fi djalogu sinifikanti u rispettuż. Dawn huma xi wħud mill-prinċipji ewlenin:

Li jiġi jiżgurat li l-vuċijiet ta' kulħadd ikunu stmati bl-istess mod, u li kulħadd ikollu l-opportunità biex jikkontribwixxi għad-djalogu. Dan jinkoraġġixxi perspettivi diversi u jiżgura li l-vuċijiet kollha jinstemgħu.

Ir-rikonoxximent tal-valur tal-isfond kulturali u l-esperjenzi tal-istudenti u l-għalliema kollha. Dan jgħin biex jinħoloq ambjent ta' tagħlim aktar inklussiv.

Jassigura li l-interazzjonijiet dijaloġiċi fost l-istudenti, u bejn l-għalliem u l-istudent, u fi ħdan il-komunità jippromovu trasformazzjoni soċjo-kulturali u l-aħjar kundizzjonijiet għat-tagħlim u l-iżvilupp.

Li jkun hemm ko-kostruzzjoni ta' tifsira u fehim permezz ta' djalogi bejn studenti u għalliema. Dan il-proċess kollaborattiv jgħin biex japproffondixxi l-komprensjoni u r-ritenzjoni ta' informazzjoni.

Jibni sens ta' komunità u appoġġ reċiproku fost l-istudenti u l-għalliema. Dan il-prinċipju jrawwem kollaborazzjoni u responsabbiltà kollettiva għat-tagħlim.

Jassigura rispett u għarfien ta' differenzi fost l-istudenti u l-għalliema. Id-djalogu għandu jiċċelebra d-diversità u jużaha bħala riżorsa għat-tagħlim, jinkoraġġixxi l-ħsieb kritiku u jisfida lil kulħadd biex jaħseb fil-fond u jagħrbel suppożizzjonijiet.

## Dimensjoni Emozzjonali

Tagħraf l-importanza ta' relazzjonijiet ta' kwalità fit-tagħlim. Prattiċi ta' suċċess joħolqu ambjent ta' appoġġ fejn l-istudenti u l-għalliema jħossuhom siguri, appoġġati u kunfidenti meta jesprimu l-emozzjonijiet u l-esperjenzi tagħhom.

## Tagħlim Awtentiku

Jiżgura li d-djalogu u t-tagħlim huma rilevanti għall-esperjenzi u l-kuntesti tal-ħajja li jgħixu l-istudenti u l-għalliema. Dan jagħmel it-tagħlim aktar sinifikanti u applikabbli.

## 'Translanguaging'

Meta persuna titkellem b'lingwa waħda filwaqt li persuna oħra twieġeb b'oħra.

## Klassijiet ta' Akkoljenza

Klassijiet fejn tfal b'lingwa materna oħra jkunu fi klassijiet speċjalizzati fejn jintuża t-'translanguaging' biex jgħin lit-tfal jitgħallmu l-lingwa tal-pajjiż ospitanti - bil-ħsieb li t-tfal jidħlu fis-sistema edukattiva hekk kif jiksbu profiċjenza fil-lingwa tal-pajjiż.

# Il-promozzjoni tal-benesseri tal-istudenti





## Ħarsa ġenerali

Din l-għodda tenfasizza l-importanza kritika tat-trawwim tal-benesseri tal-istudenti fl-iskejjel, b'mod partikolari fil-kuntest tal-era ta' wara l-COVID. Ir-riċerka turi l-influwenza pożittiva li l-ambjenti tal-iskola jista' jkollhom fuq ir-riżultati tas-saħħa mentali tal-istudenti. Ir-relazzjonijiet ta' appoġġ bejn l-istudenti, l-għalliema, u staff ieħor tal-iskola għandhom rwol vitali fil-promozzjoni tal-benesseri u fit-tnaqqis ta' tbatija psikoloġika fost l-adolexxenti (Kidger et al., 2010).

Aktar riċerka li tappoġġa dawn il-prattiki tinkludi l-ħidma ta' Durlak et al. (2011), li l-meta-analiżi tiegħu tenfasizza l-benefiċċji tal-interventi tat-tagħlim soċjali-emozzjonali (SEL). Dawn l-interventi ntwerew li jsaħħu l-prestazzjoni akkademika, il-ħiliet soċjali, l-imġiba, u l-benesseri emozzjonali tal-istudenti. Il-programmi SEL ta' spiss jiffukaw fuq it-tisħiħ pożittiv, l-għaqda komunitarja, u t-trawwim ta' relazzjonijiet ta' appoġġ - li kollha ntwerew li jippromwovu l-benesseri fi ħdan ambjenti edukattivi.

Ir-raġunament għall-għodda ppreżentata f'din it-taqsima huwa bbażat fuq il-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin minn madwar id-dinja, relatati mal-promozzjoni tal-benesseri tal-istudenti fl-edukazzjoni primarja. L-iskola primarja li tidher f'din l-għodda hija istituzzjoni mmexxija mill-istat f'Malta, li f'dawn l-aħħar snin uriet titjib notevoli fil-prestazzjoni akkademika tal-istudenti. L-iskola tinsab f'żona li għaddejja minn żvilupp urban rapidu, speċifikament fir-reġjun tal-Port ta' ġewwa.

Il-komunita' madwar l-iskola hija fil-biċċa l-kbira magħmula minn residenti minn ambjenti soċjoekonomiċi aktar baxxi, b'relattivament ftit migranti fil-popolazzjoni. Din tinkludi individwi li trabbew fl-inħawi u dawk li ġew rilokati hemm. L-istudenti jikkonsistu f'madwar 150 tifel u tifla, prinċipalment Maltin, b'numru żgħir ta' studenti barranin. Id-dettalji li ġejjin jiddeskrivu l-programm komprensiv tal-benesseri tal-istudenti implimentat f'din l-iskola primarja.

# Passi ta' implimentazzjoni

## Preparazzjoni:

**1. L-Iżvilupp tal-Politika:** Tiġi stabbilita politika għall-iskola kollha biex jiġu ċċelebrati l-kisbiet ta' kull student, permezz ta' diversi forom ta' rikonoxximent u politika ċara, għall-iskola kollha kontra l-bullying li tiddeskrivi l-impenn tal-iskola biex tnaqqas il-bullying u trawwem ambjent sikur.

**2. Taħriġ tal-staff:** Organizza sessjonijiet ta' żvilupp professjonali għall-persunal iffukati fuq ir-rikonoxximent u l-indirizzar tal-bullying. Ħarrġu lill-għalliema, b'mod partikolari dawk fi rwoli bħall-"għalliem tan-Nurture" (għalliem kontra l-bullying), biex jittrattaw b'mod effettiv sitwazzjonijiet ta' bullying u biex jaħdmu b'mod kollaborattiv mal-istudenti u l-familji.

**3. Organizzazzjoni inklużiva tal-klassijiet:** Organizza klassijiet bi gruppi ta' abbiltajiet imħallta, li jippermettu tagħlim bejn il-pari filwaqt li tfassal istruzzjonijiet skont il-ħtiġijiet u l-abbiltajiet individwali tal-istudenti.

**4. Sistemi ta' komunikazzjoni:** Stabbilixxi modi ta' komunikazzjoni regolari bejn il-partijiet interessati (eż., l-għalliema, il-koordinaturi tal-inklużjoni, u l-ġenituri) biex jindirizzaw malajr u b'mod kollaborattiv kwalunkwe inċident ta' bullying, sfida fl-imġiba jew fit-tagħlim.

**5. Sħubija Komunitarja:** Ifforma sħubija ma' organizzazzjonijiet lokali, mexxejja Komunitarji, u voluntiera biex itejbu l-esperjenzi tal-istudenti permezz ta' attivitajiet extrakurrikulari u proġetti speċjali li jsaħħu kemm it-tagħlim kif ukoll l-impenn komunitarju.

**6. Attivitajiet Soċjali għall-iskola kollha:** Organizza avvenimenti soċjali li jlaqqgħu flimkien l-istudenti u l-staff, uża sens ta' komunita' u l-appartenenza fl-ambjent tal-iskola.

**7. Integrazzjoni ta' 'SEL':** Enfasizza l-importanza tal-benesseri emozzjonali flimkien mas-suċċess akkademiku billi tinkorpora programmi ta' tagħlim soċjali-emozzjonali (SEL) fil-kurrikulu u kultura skolastika usa'.

**8. Parteċipazzjoni tal-istudenti:** Il-promozzjoni tal-involviment tal-istudenti fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet permezz ta' inizjattivi bħall-kunsilli tal-istudenti, l-għoti ta' responsabbilta' lill-istudenti u t-trawwim tal-obbligu ta' rendikont fi ħdan il-komunita' tal-iskola.

1





## Implimentazzjoni:

**1. Żvilupp tal-Politika:**

- Abbozz u formalizzazzjoni ta' dokumenti ta' politika li jiddeskrivu l-importanza tar-rikonoxximent tal-kisbiet tal-istudenti u l-indirizzar ta' inċidenti ta' bullying.
- Ikkomunika din il-politika lill-istaff, lill-istudenti, u lill-ġenituri kollha biex tiżgura implimentazzjoni konsistenti.

**2. Taħriġ tal-persunal:**

- Organizza workshops ta' żvilupp professjonali għall-għalliema, li jiffukaw fuq il-benefiċċji u l-metodi ta' rinfurzar pożittiv.

**3. Organizzazzjoni inklużiva tal-klassijiet:**

- Disinn tal-klassi u attivitajiet li jappoġġaw gruppi ta' abbiltajiet imħallta, li jrawmu t-tagħlim bejn il-pari.
- Implimenta tekniki ta' struzzjoni differenti biex tissodisfa l-ħtiġijiet diversi tal-istudenti fi ħdan l-istruttura ta' abbiltajiet imħallta.

**4. Sistemi ta' komunikazzjoni:**

- żviluppa sistema għal intervent bikri meta jinqalgħu sfidi ta' mġiba jew sfidi akkademiċi, li tiżgura azzjoni immedjata u kollaborattiva.
- Implimenta reazzjonijiet immedjati u konsistenti għall-inċidenti ta' bullying, filwaqt li jiġi żgurat intervent rapidu. Dan jinkludi l-involviment tal-"għalliem tan-nurture" biex jaħdem mill-qrib mal-istudenti affettwati u l-familji tagħhom biex isolvi kwistjonijiet.

**5. Sħubijiet Komunitarji:**

- jintlaħqu l-organizzazzjonijiet lokali, il-mexxejja Komunitarji, u l-voluntiera biex jinħolqu opportunitajiet għall-kollaborazzjoni u l-involviment tal-istudenti.

**6. Attivitajiet Soċjali għall-iskola kollha:**

- żviluppa kalendarju ta' avvenimenti li jippromwovi l-interazzjoni bejn l-istudenti u l-istaff, bħal pikniks fl-iskejjel, wirjiet ta' talent, jew proġetti fi gruppi.
- assenja membri tal-istaff, familji, u tfal biex jippjanaw u jiffaċilitaw dawn l-avvenimenti, filwaqt li tiżgura li dawn jissapportjaw l-għanijiet ġenerali tat-trawwim tal-benesseri.

**7. Integrazzjoni ta' SEL:**

- Disinn ta' kurrikulu li jinkorpora t-tagħlim soċjali-emozzjonali (SEL) flimkien mal-kontenut akkademiku.
- Ipprovdi żvilupp professjonali għall-għalliema biex jintegraw il-prattiki tas-SEL fil-metodi tat-tagħlim tagħhom.

**8. Parteċipazzjoni tal-istudenti:**

- jiġu stabbiliti kunsilli tal-istudenti jew pjattaformi simili biex l-istudenti jkunu jistgħu jieħdu sehem fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
- ħarreġ lil l-istaff dwar kif jista' jiġi ffaċilitat kontribut sinifikanti tal-istudenti, filwaqt li tiżgura li l-ilħna tal-istudenti jinstemgħu u jiġu rispettati.

2

**Monitoraġġ u evalwazzjoni:**

**1. Valutazzjoni u Feedback:**

- Għodda ta' valutazzjoni tad-Disinn (eż., stħarriġ, sessjonijiet ta' riflessjoni) biex jinġabar feedback mill-istudenti, l-istaff, u l-ġenituri dwar inizjattivi ta' benesseri.
- Implimenta evalwazzjoni regolari tal-politiki u l-prattiki tal-iskola relatati mal-benesseri tal-istudenti, bl-użu ta' feedback biex isir titjib.

**2. Aġġustamenti mill-feedback:**

- żviluppa proċess ċar għall-ġbir, l-analiżi, u l-azzjoni fuq il-feedback mill-partijiet interessati kollha, inklużi l-istudenti, il-ġenituri, u l-istaff.
- involvi lill-istudenti u lill-ġenituri f'diskussjonijiet dwar tibdil biex jiġi żgurat li l-vuċijiet kollha jiġu kkunsidrati.

**3. Użu ta' għarfien espert:**

- utilizza l-kompetenza tal-"għalliem tan-Nurture" jew tal-counsellors biex jikkollaboraw mal-familji u jappoġġaw lill-istudenti li jistgħu jkunu vulnerabbli għall-bullying. Dawn l-edukaturi se jaħdmu sistemikament mal-istudenti, il-familji, u l-komunita' usa' tal-iskola biex jindirizzaw il-kwistjonijiet b'mod proattiv u jiżguraw riżultati pożittivi għat-tfal.

## Eżempji u Studji ta' każijiet:

Fi skola primarja waħda f'Malta, il-mexxejja ħadu passi apposta biex tipprijoritizza l-benesseri tal-istudenti, u stabbiliet il-pedament għall-kultura skolastika ta' appoġġ. It-tim ta' tmexxija għolja introduċa politiki ċċentrati madwar il-benesseri tal-istudenti, inklużi laqgħat regolari ta' kollaborazzjoni tal-istaff iffukat fuq l-indirizzar tal-ħtiġijiet individwali

> *"Dejjem għenthom ħafna; l-istaff ħassu komdu ħafna miegħi."*
> *(Assistent Kap tal-Iskola)*

Billi trawwem b'mod attiv sens ta' responsabbilta' kondiviża għall-eżiti tal-istudenti, l-iskola setgħet toħloq approċċ koeżiv biex tappoġġa l-benesseri tal-istudenti u l-kisba akkademika. L-istaff ġie mħeġġeġ jaqsam l-isfidi u s-soluzzjonijiet matul dawn is-sessjonijiet, u rinforza kultura ta' ftuħ u titjib kontinwu.

B'mod indaqs, l-iżvilupp professjonali kontinwu sar strateġija ewlenija biex l-għalliema jiġu mgħammra bl-għodda meħtieġa biex jappoġġaw il-benesseri tal-istudenti. Permezz ta' workshops u sessjonijiet ta' taħriġ, l-edukaturi ġew mgħallma tekniki f'tisħiħ pożittiv, ġestjoni fil-klassi, u tagħlim differenzjat. L-għalliema tgħallmu jagħrfu l-ħtiġijiet diversi tal-istudenti tagħhom u fasslu l-istrateġiji tat-tagħlim tagħhom skont dan, filwaqt li żguraw li kull tifel u tifla, irrispettivament mill-isfond jew il-ħila tat-tagħlim tagħhom, ingħataw attenzjoni personalizzata. Dan it-taħriġ ta s-setgħa lill-għalliema biex irawmu mhux biss is-suċċess akkademiku iżda wkoll it-tkabbir emozzjonali, hekk kif saru aktar tas-sengħa fil-ġestjoni tad-dinamika fil-klassi u fil-ħolqien ta' ambjent ta' tagħlim inklużiv.

Parti ewlenija mill-inizjattiva tal-benesseri tal-iskola ffukat fuq it-tnaqqis tal-bullying u l-ħolqien ta' ambjent sikur u ta' fiduċja għall-istudenti. It-Tmexxija stabbilixxiet politika komprensiva kontra l-bullying u involviet b'mod proattiv lill-għalliema, b'mod partikolari l-"għalliem tan-Nurture", biex jittrattaw l-inċidenti tal-bullying malajr. Permezz tat-trawwim ta' komunikazzjoni miftuħa fost l-istaff, l-istudenti, u l-familji, l-iskola żgurat li l-bullying jiġi indirizzat fil-pront u li l-komunita' usa' kellha rwol fil-promozzjoni tal-qalb tajba u l-inklużjoni. Il-programmi ta' tagħlim soċjali-emozzjonali (SEL) ġew integrati fil-kurrikulu biex tinbena l-empatija u jitrawmu relazzjonijiet pożittivi, li jgħinu biex jitnaqqas l-ibbuljar u tiżdied il-fiduċja ġenerali tal-istudenti. Dawn l-isforzi, appoġġati minn kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet lokali, ikkontribwew għal ambjent ta' trawwim fejn l-istudenti ħassewhom sikuri, valorizzati, u appoġġjati akkademikament.

> *"Hawn għalliema hawnhekk li jgħinu meta xi ħadd ikun qed jiġi 'bullied'."*
> *(Student fl-iskola primarja)*

> *"L-għalliema u l-istaff hawnhekk dejjem lesti li jgħinuna."*
> *(student fl-iskola primarja)*

Fattur ewlieni fis-suċċess tal-inizjattiva tal-benesseri kienu s-sħubijiet b'saħħithom li l-iskola stabbiliet mal-organizzazzjonijiet lokali u l-komunita'. Billi ħadmet mill-qrib maċ-ċentri kulturali tal-lokal, il-klabbs sportivi, u l-mexxejja Komunitarji, l-iskola pprovdiet lill-istudenti b'attivitajiet extrakurrikulari li saħħew is-sens ta' appartenenza u t-tagħlim ferrieħi tagħhom.

*"Is-sena l-oħra, mal-Kunsill lokali tal-belt, kelli l-okkażjoni niltaqa' ma' leġġenda tal-futbol ukoll. Beda jiġi jgħallimna kull nhar ta' Ħamis. Kien jgħallimna kif naqraw, u mbagħad konna npoġġu bilqiegħda u nilagħbu l-futbol għal siegħa wara l-iskola. Ħadt pjaċir b'dan!"*
*(Student fl-iskola primarja).*

*"Dalwaqt ikollna ħarġa 'barbeque' u mbagħad inżuru wkoll il-gżira Għawdxija!"*
*(Student fl-iskola primarja).*

*"Jien nieħu gost bi ġranet bħal meta mmorru l-librerija, u jkollna ġurnata bil-piġama u 'hot chocolate', u għalliem jaqralna storja."*
*(Student fl-iskola primarja).*

Biex tkompli ssaħħaħ l-impenn tal-istudenti, l-iskola stabbiliet kunsilli tal-istudenti, u tat lill-istudenti rwol attiv fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan l-approċċ ta s-setgħa lill-istudenti biex jieħdu poter tal-proġetti u l-inizjattivi tal-iskejjel, filwaqt li rawwem sens ta' obbligu ta' rendikont u ta' tmexxija. L-għalliema ġew imħarrġa biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni sinifikanti tal-istudenti, filwaqt li żguraw li l-ilħna tal-istudenti mhux biss instemgħu iżda ġew rispettati, u dan ikkontribwixxa għal ambjent skolastiku aktar inklużiv.

*"Iva, għandna vuċi dwar l-attivitajiet u affarijiet oħra relatati mal-iskola, għandna l-Kunsill tal-istudenti. Darba konna ssuġġerejna funtani tal-ilma għal kull sular. Dan sar."*
*(Student fl-iskola primarja)*

Barra minn hekk, l-iskola ffaċilitat komunikazzjoni miftuħa bejn l-għalliema, il-counsellors, u l-ġenituri permezz ta' laqgħat regolari, fejn il-progress tal-istudenti ġie diskuss b'mod holistiku, li jindirizza kemm il-ħtiġijiet akkademiċi kif ukoll dawk emozzjonali. Dan l-approċċ b'diversi aspetti assigura li l-istudenti rċevew appoġġ f'waqtu, li kkontribwixxa għall-iżvilupp u l-benesseri ġenerali tagħhom, u li ħoloq ambjent edukattiv ta' trawwim fejn l-istudenti setgħu jirnexxu.





Minkejja l-impatt pożittiv tal-inizjattivi tal-benesseri tal-iskola, għad fadal diversi sfidi. Sfida 1 tinvolvi t-tisħiħ tal-komunikazzjoni u l-impenn mal-ġenituri biex titrawwem komunita' skolastika aktar inklużiva u tiġi promossa relazzjoni pożittiva bejn l-iskola u d-dar. L-isfida 2 tindirizza l-ħtieġa li jissaħħaħ l-impenn tal-istudenti billi jiġu offruti stili ta' tagħlim varjat u jiġi kkunsidrat mill-ġdid ir-rwol tal- biex jitnaqqas l-istress tal-istudenti. L-isfida 3 tenfasizza d-domanda kontinwa għal appoġġ aħjar għal studenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali billi jiġu allokati aktar riżorsi u jiġi promoss aċċess ġust.

## Benefiċċji

- **BENESSERI tal-istudenti msaħħaħ:** Il-politiki proattivi tal-benesseri tal-iskola jrawmu ambjent sikur u ta' appoġġ, li jnaqqas l-ansjeta' u jippromwovi l-kuntentizza fost l-istudenti.
- **Relazzjonijiet bejn il-pari aktar b'saħħithom:** l-enfasi fuq it-tnaqqis tal-bullying u l-promozz-joni tal-inklużjoni twassal għal relazzjonijiet aktar b'saħħithom u pożittivi fost l-istudenti.
- **Żieda fl-impenn tal-istudenti:** Il-kunsilli tal-istudenti u l-parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiż-jonijiet jagħtu s-setgħa lill-istudenti, iżidu s-sens ta' responsabbilta' u t-tmexxija tagħhom.
- **Kultura pożittiva tal-Iskola:** politiki konsistenti u żvilupp professjonali għall-persunal joħolqu kultura skolastika pożittiva u kollaborattiva.
- **Appoġġ ħolistiku għall-istudenti:** Komunikazzjoni miftuħa fost l-għalliema, il-counsellors, u l-ġenituri tiżgura li l-ħtiġijiet akkademiċi u emozzjonali tal-istudenti jintlaħqu fil-ħin.
- **Konnessjonijiet Komunitarji aktar b'saħħithom:** Sħubiji ma' organizzazzjonijiet lokali jtejbu l-esperjenzi edukattivi tal-istudenti u jsaħħu l-konnessjoni tagħhom mal-komunita' usa'.
- **Tnaqqis fil-bullying:** intervent rapidu u miżuri konsistenti kontra l-bullying wasslu għal tnaqqis notevoli fl-inċidenti tal-bullying fl-iskola.

*"Għandna għalliema li jieħdu azzjoni, u minħabba f'hekk, il-'bullying' fl-iskola naqas."*
*(Student fi klassi primarja).*

## Suġġerimenti għas-suċċess

Stabbilixxi tmexxija u politiki b'saħħithom: stabbilixxi politiki ċari u konsistenti li jipprijoritizzaw il-benesseri tal-istudenti u jrawmu l-kollaborazzjoni fost il-persunal.

Investi fl-iżvilupp tal-għalliema: Ipprovdi taħriġ kontinwu biex l-għalliema, speċjalment l-għalliem tan-nurture, jiġu mgħammra bi strateġiji effettivi għall-indirizzar tal-bullying, l-organizzaazzjoni tal-klassijiet, u l-appoġġ għal diversi ħtiġijiet tal-istudenti.

Inħeġġu l-parteċipazzjoni tal-istudenti: ninvolvu lill-istudenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet permezz ta' kunsilli jew proġetti biex intejbu l-ħiliet tal-involviment u t-tmexxija.

Tibni Sħubiji Komunitarji u tal-Familja: issaħħaħ il-konnessjonijiet mal-organizzazzjonijiet lokali u żżomm komunikazzjoni miftuħa mal-familji biex tappoġġja l-benesseri tal-istudenti.

## Riżorsi addizzjonali

L-introduzzjoni ta' gruppi 'nurture' fl-iskejjel Maltin:
https://www.academia.edu/19736982/The_introduction_of_nurture_groups_in_Maltese_schools_a_method_of_promoting_inclusive_education

Link ma' programm ta' litteriżmu fil-futbol użat mill-iskola biex tippromwovi l-benesseri u l-prestazzjoni akkademika tal-istudent permezz ta' interess komuni:
https://nla.gov.mt/mt/bil-qari-u-l-kitba-niskorja-footballers-read-and-write-programme/

Durlak, J. A., Weissberg, R. P., Dymnicki, A. B., Taylor, R. D., & Schellinger, K. B. (2011). The impact of enhancing students' social and emotional learning: A meta-analysis of school-based universal interventions. Child Development, 82(1), 405-432. doi:10.1111/j.1467-8624.2010.01564.x

Kidger, J., Gunnell, D., Biddle, L., Campbell, R., & Donovan, J. (2010). Part and parcel of teaching? Secondary school staff's views on supporting student emotional health and well-being. British Educational Research Journal, 36(6), 919-935.

## Konklużjoni

Din il-prattika tenfasizza l-importanza li jitrawwem il-benesseri tal-istudenti permezz ta' tmexxija ċara, żvilupp professjonali kontinwu, stil ta' tagħlim inklużiv, u sħubija Komunitarja b'saħħita. Il-kisbiet ewlenin jinkludu l-ħtieġa għall-komunikazzjoni miftuħa bejn l-istaff, l-istudenti, u l-ġenituri, miżuri proattivi biex jitnaqqas il-bullying, u l-valur li l-istudenti jingħataw is-setgħa permezz ta' parteċipazzjoni attiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet. L-edukaturi huma mħeġġa jesploraw u jadattaw dawn l-istrateġiji biex jissodisfaw il-ħtiġijiet uniċi tal-iskejjel tagħhom stess, filwaqt li jiżguraw approċċ ħolistiku għall-appoġġ tal-benesseri tal-istudenti.



SCIREARLY

**Politika u prattiċi bbażati fuq riċerka xjentifika biex jitnaqqas in-numru ta' studenti fl-Ewropa b'nuqqas ta' ħiliet u t-tluq bikri mill-iskola.**

Red Barnet, MHPSS Collaborative

Dan il-proġett irċieva finanzjarjament mill-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni Horizon tal-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta' Għotja Nru 101061288. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal- Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka. La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.